# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

**MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA**
**LL.D., LL.M (ĊARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.**

**Illum, il-Ġimgħa, 16 ta' Diċembru 2022**

**Rikors Ġuramentat numru: 92/2019 BS**

**Lorenza sive Lora Bartolo; Gesmond sive Jesmond Bigeni; Maryanne Gatt; Victor Bigeni u n-Nutar Dottor Josianne Mifsud għan-nom u in rappreżentanza tal-imsefrin Fortunata Galea, Simon Bigeni, Carmelo sive Charlie Bigeni, Graceann Bigeni, Michael Bigeni, Anthony Bigeni u Christopher Bigeni**

**-vs-**

**L-Avukat Dottor Mario Scerri li b'digriet tal-31 ta' Jannar 2020 ġie maħtur kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana iben Joseph u Verginia nee' Roche li miet fil-21 ta' Diċembru 1942**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi[1] illi ppremettew:**

1. ILLI r-rikorrenti Lora Bartolo, Jesmond Bigeni, Maryanne Gatt, Victor Bigeni, Fortunata Galea, Simon Bigeni, Carmelo sive Charlie Bigeni huma lkoll aħwa wlied il-mejtin Grazio u Maria Anna Bigeni. L-atturi Graceann, Michael, Anthony u Christopher aħwa Bigeni huma lkoll ulied il-mejjet Joseph Bigeni, ħu l-bqija tal-atturi;

2. ILLI permezz ta' testment ta' Giovanna Teuma, Teresa Sultana flimkien ma' ħuha Victor Sultana wirtu l-ġid tal-istess zithom Giovanna Teuma li fih kien jinkludi biċċa art magħrufa bħala "Ta' fuq il-Għar" magħrufa ukoll bħala "x-Xagħri" li tinsab ġewwa Triq Ġnien Imriek, [ix-]Xagħra, Għawdex (kopja tat-testment hawn annessa u mmarkata "Dok B");

3. ILLI fl-10 ta' Lulju 1957 missier l-esponenti ħa b'rahan mingħand Teresa Sultana n-nofs indiviż tar-raba' magħrufa bħala "Ta' fuq il-Għar" magħrufa ukoll bħala "x-Xagħri" li tinsab ġewwa Triq Ġnien Imriek, [ix-]Xagħra, Għawdex mingħand ċertu Teresa Sultana (kuntratt hawn anness u mmarkat "Dok. Ċ");

4. ILLI sussegwentament jumejn wara dan in-nofs indiviż inbiegħ mingħand Teresa Sultana lil Francesco Mercieca, il-kuġin ta' missier l-esponenti (kuntratt hawn anness u mmarkat "Dok. D");

[1] Fol. 1 sa 6, b'dokumenti a fol. 7 sa 86.

5. ILLI fid-9 ta' Settembru 1969 missier l-esponenti xtara mingħand kuġinuh Francesco Mercieca l-istess nofs indiviż (kuntratt hawn anness u mmarkat "Dok. E");

6. ILLI minkejja li xtara biss in-nofs indiviż l-pussess ta' din ir-raba['] da parti tal-ġenituri tal-esponenti u sussegwentament mill-atturi kien u huwa wieħed animo domini, pubbliku, paċifiku u kontinwat għal aktar minn tletin sena u dan hekk kif sejjer jirriżulta fil-mori ta' din il-kawża;

7. ILLI sa ftit xhur ilhu [sic] l-atturi kien mingħalihom li din ir-raba['] kienet ġiet mixtriha fl-intier tagħha minn missierhom iżda riċentament meta uħud [sic] mil[l]-esponenti ġew biex ibiegħu [sic] s-sehem tagħhom mil[l]-istess raba['] skoprew li missierhom kien xtara biss nofs indiviż tagħha. Irriżulta lill-atturi li n-nofs indiviż l-ieħor tar-raba['] de quo kien jippartjeni lil ċertu Victor Sultana, ħu Teresa Sultana suindikata, li miet fil-21 ta' Diċembru 1942;

8. ILLI hekk kif jikkonfermaw kemm l-atturi u kif ukoll qraba ta' Victor Sultana, ulied l-mejjet Victor Sultana kienu u baqgħu jgħixu fl-esteru u qatt ma ġew lejn Malta bil-konsegwenza li abbandunaw il-ftit propjetà li kellu missierhom Victor Sultana (affidavit ta' Agnes Sammut u Carmel Portelli hawn annessi u mmarkati "Dok J" u "Dok K");

9. ILLI l-pussess tal-atturi huwa wieħed li jilleġittima l-preskrizzjoni a[k]kwiżittiva bl-elementi kollha tagħha tal[-]inqas sa minn meta bdew jiżviluppaw l-art in kwistjoni liema żvilupp kien ċertament att estern u inekwivoku ta'

oppożizzjoni għal kull min seta' kellu xi pretensjoni fuq il-propjetà;

10. ILLI għalhekk kellha issir [sic] din il-kawża u l-esponenti jafu b'dawn il-fatti personalment.

**Talbu ghalhekk lil din il-Qorti:**

Tiddikjara li l-esponenti huma l-propjetarji tal-art magħrufa bħala "Ta' fuq il-Għar" magħrufa ukoll bħala "x-Xagħri" li tinsab ġewwa Triq Ġnien Imriek, [ix-]Xagħra, Għawdex skont is-sehem rispettiv tagħhom hekk kif indikat fil-kuntratt ta' diviżjoni tal-11 ta' Settembru 2006 fl-atti tan-Nutar Maria Vella Magro sureferit u dana peress li ġiet għandhom bl-usucapione u ċioè bil-pussess animo domini, pubbliku, paċifiku u kontinwat għal aktar minn tletin sena.

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-Avukat Dottor Mario Scerri[2] bħala kuratur deputat sabiex jirrappreżenta l-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana illi eċċepixxa:**

1. ILLI l-esponenti mhuwiex edott mill-fatti kollha li taw lok għal din il-kawża u bla preġudizzju għall-eċċezzjonijiet hawn imqajma jirriżerva li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri wara li jkun ikkomunika mal-eredi ta' Victor Sultana;

2. ILLI mad-daqqa t'għajn mill-premessi stess taċ-ċitazzjoni, jidher però li ma jissussistux l-elementi kollha li titlob il-liġi għall-akkwist tal-art kollha da parti tal-atturi b'użukapjoni;

3. ILLI bil-kawża minnhom promossa jidher li l-atturi qegħdin jipprovaw jakkwistaw titolu fuq art li jafu li ma

[2] Fol. 106 sa 107.

tappartjenix kollha lilhom meta n-nofs indiviż spettanti lill-eredi ta' Victor Sultana jista' faċilment jiġi akkwistat minnhom xorta waħda b'talba għad-diviżjoni u liċitazzjoni u sehem l-eredi jibqa' depożitat taħt l-awtorità tal-Qorti. L-assenza ta' wlied Victor Sultana għal żminijiet twal mill-pajjiż għaliex twieldu, trabbew u jgħixu f'pajjiż ieħor ma twassalx biex huma jitilfu sehemhom minn din l-art b'mod awtomatiku sempliċement il-għaliex komproprjetarji oħra jgħixu hawn Malta u jistgħu qed jagħmlu użu minn din l-art;

4. ILLI l-esponenti jemmen bi sħiħ li l-pretensjonijiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt, u t-talba tagħhom għandha għaldaqstant tiġi miċħuda bl-ispejjeż;

5. BLA preġudizzju għas-suespost l-esponenti finalment qed jirrimetti ruħu ghall-provi u a savju u superjuri ġudizzju ta' din il-Qorti;

6. FI kwalunkwe każ l-esponenti m'għandu jbati ebda spejjeż;

7. SALVI tweġibiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

**Fliet l-atti;**

**Rat** it-testment ta' Giovanna Theuma tas-7 ta' Mejju, 1938 in atti Nutar Francesco Refalo li bih wirtu ġid Giovanna Theuma l-aħwa Teresa u Victor Sultana, inkluż l-art in mertu li ntirtet f'porzjonijiet ugwali u indiviżi bejniethom;[3]

**Rat** il-kuntratt magħmul minn Teresa Sultana a favur ta' Grazio Bigeni nhar l-10 ta' Lulju, 1957 in atti Nutar Giuseppe Grech fejn

[3] Fol. 14 sa 17.

bħala mutuatarja ta' Grazio Bigeni, Teresa Sultana kkonċedietlu sehma ta' nofs indiviż mill-art in mertu (kif soġġetta wkoll għal ċens) in garanzija tar-ripagament ta' somma mislufa lilha;[4]

**Rat** il-kuntratt tat-12 ta' Lulju, 1957 in atti Nutar Giuseppe Grech li bih, Teresa Sultana biegħet lil Francesco Mercieca l-istess sehem tagħha ta' nofs indiviż mill-art in mertu kif konċess lil Grazio Bigeni bħala mutuanti tagħha bl-att ta' jumejn qabel;[5]

**Rat** il-kuntratt tad-9 ta' Settembru, 1969 in atti Nutar Giuseppi Cauchi li bih, Francesco Mercieca biegħ lil Grazio Bigeni l-art in mertu, ossia, in-nofs indiviż li Mercieca kien akkwista mingħand Teresa Sultana;[6]

**Rat** it-testment ta' Vittorio sive Victor Sultana tal-11 ta' Diċembru, 1942, in atti Nutar Francesco Refalo;[7]

**Rat** it-testment *unica charta* ta' Grazio Bigeni u martu Marianna nee' Mercieca tas-26 ta' Awwissu, 1992, in atti Nutar Michael Refalo li bih, it-testaturi ħallew bħala eredi universali tagħhom lid-disa' (9) wliedhom ossia: Lora Bartolo, Maryanne Gatt, Fortunata Galea, Joseph Bigeni, Simon Biegni, Carmelo Bigeni, Victor Bigeni, Eugenia Attard, u Jesmond Bigeni;[8]

**Rat** l-att ta' dikjarazzjoni *causa mortis* tat-22 ta' Diċembru, 1997 in atti Nutar Paul George Pisani f'liema att, l-eredi ta' Grazio Bigeni (l-atturi kif ukoll ċerta Eugenia Attard—oħt l-ewwel seba' [7] atturi skont l-okkju—u ċerta Nathalie Bigeni—oħt ir-rimanenti erba' [4] atturi skont l-okkju) iddikjaraw li Grazio

[4] Fol. 18 sa 21.
[5] Fol. 22 sa 27.
[6] Fol. 28 sa 30.
[7] Fol. 31 sa 33.
[8] Fol. 34 sa 35.

Bigeni miet fit-22 ta' Ġunju, 1997. Iddikjaraw ukoll li huwa rregola s-suċċessjoni tiegħu b'testment tas-26 ta' Awwissu, 1992 in atti Nutar Michael Refalo;[9]

**Rat** it-testment ulterjuri ta' Mary Anne Bigeni, armla ta' Grazio Bigeni, tal-31 ta' Lulju, 1999 in atti Nutar Silvio Hili. B'dan it-testment omm l-ewwel seba' (7) atturi, u n-nanna tal-kumplament tal-atturi, irrevokat kull testment li għamlet qabel, ħalliet xi prelegati, u istitwiet lil ulieda (ossia l-ewwel sebgħa [7] atturi flimkien ma' Eugenia Attard) kif ukoll n-neputijiet tagħha (il-kumplament tal-atturi flimkien ma' Nathalie Bigeni) bħala eredi tagħha;[10]

**Rat** id-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-5 ta' Lulju, 2004 in atti Nutar Enzo Dimech relattivi għall-eredità ta' Marianna Bigeni;[11]

**Rat** l-att ta' diviżjoni tal-11 ta' Settembru, 2006 in atti Nutar Maria Vella Magro;[12]

**Rat** ir-rapport tal-perit *ex parte* Cornelia Tabone datat is-26 ta' Awwissu, 2019 u d-dokumenti annessi miegħu;[13]

**Rat** li wara li ġiet segwita d-debita proċedura tal-pubblikazzjoni u notifika tal-bandi, ġie nominat l-Avukat Dottor Mario Scerri bħala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta l-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana;[14]

[9] Mhux impaġinat.
[10] L-ewwel żewġ paġni mhux impaġinati. L-aħħar żewġ paġni a fol. 39 u 40.
[11] Fol. 41 sa 43.
[12] Fol. 44 sa 48 bi pjanti a fol. 49 u 50.
[13] Mhux impaġinat.
[14] Digriet a fol. 99.

**Rat** li b'rikors u nota tad-29 ta' Jannar, 2021 l-atturi ddikjaraw l-istadju tal-provi tagħhom magħluq;[15]

**Rat** iċ-ċertifikat tal-Psikjatra Prof. David Mamo datat is-16 ta' Ġunju, 2021 relattiv għal Agnes Sammut;[16]

**Rat** iċ-ċertifikat mediku tat-Tabib Joseph Farrugia datat l-14 ta' Ġunju, 2021 relattiv għal Carmel Portelli;[17]

**Rat** li fl-udjenza tat-23 ta' Ġunju, 2021 il-Qorti laqgħet talba tal-kuratur tal-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana sabiex jitħarrku biex jixhdu l-Psikjatra Prof. David Mamo u t-Tabib Joseph Farrugia li rrilixxaw iċ-ċertifikati a fol. 156 u 158 tal-proċess;[18]

**Rat** in-nota tal-kuratur tal-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana tal-21 ta' Ġunju, 2022 b'dokumenti annessi li jinkludu (i) ċertifikat tal-mewt ta' Victor Sultana, armel ta' Verginia nee' Roche, barbier, twieled u ġa residenti x-Xaghra, Ghawdex, iben Giuseppe Sultana u Maria nee' Thewma, miet fl-isptar tar-Rabat, Għawdex nhar il-21 ta' Dicembru, 1942 fl-età ta' 61 sena;[19] (ii) riċerki rigward l-istess Victor Sultana, u; (iii) kopja oħra tat-testment ta' Victor Sultana datat il-11 ta' Diċembru, 1942 in atti Nutar Francesco Refalo.[20] Din it-tieni kopja tat-testment ta' Victor Sultana in atti hija kemxejn aktar ċara minn dik esibita mill-atturi a fol. 31 sa 33 tal-proċess u minnha jiġi estrapolat il-

[15] Rikors a fol. 111 u nota a fol. 112.
[16] Ċertifikat a fol. 156.
[17] Ċertifikat a fol. 158.
[18] Verbal a fol. 181 sa 182.
[19] Din hija kopja sintesizzata. Kopja sħiħa taċ-certifikat ġiet esibita a fol. 253.
[20] Nota a fol. 239 sa 240, b'dokumenti a fol. 241 sa 249.

fatt li l-istess testatur kellu tlett (3) itfal ma' martu Verginia nee' Roche;[21]

**Rat** id-dokumenti esibiti mill-Monsinjur Arċipriet Dun Carmelo sive Karm Refalo b'informazzjoni rigward Victor Sultana liema dokumenti jikkorroboraw dak estrapolat miċ-ċertifikat tal-mewt u t-testment tal-istess Victor Sultana;[22]

**Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża**, inkluż id-dokumenti esibiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits;

**Semgħet it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet;**

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' Lulju, 2022 dan il-każ ġie differit għal-lum għas-sentenza;

**B. Provi:**

**Semgħet ix-xhieda bil-ġurament u rat dik magħmula bil-proċedura tal-affidavit, ta':**

**Lewis Grezzju Bajada**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[23] Iddikjara li huwa kiber f'dar qrib l-ghalqa in mertu liema għalqa dejjem jafha f'idejn Grazio Bigeni. Iddikjara wkoll li wara li miet Grazzju din l-istess għalqa dejjem baqgħet tinħadem minn uliedu. Iżid li tant u hekk li apparti li huwa magħruf bħala "Ta' Fuq il-Għar" hemmhekk jafuh ukoll bħala "Ix-Xaghri ta' Grezzju." Jgħid ukoll li qatt ma ra lil ħadd f'dik l-għalqa għajr

[21] Ref. parti tat-tetsment a fol. 246 fejn jirriżultaw it-testwali kliem: *the said testator declares that the property deriving from the inheritance of Giovanna Theuma is still undivided and belongs to him and to his sister Teresa Sultana. The said testator does appoint as universal heirs his sons Emanuele, Giorgio and Andrea brothers Sultana his sons and sons of the late Verginia nee' Roche in equal portions and shares alike*.
[22] Dokumenti a fol. 254 sa 273.
[23] Fol. 59 u għal darb'oħra a fol. 64.

għall-familja ta' Grazio Bigeni. Iżid ukoll li l-istess għalqa tinfed għad-dar residenzjali li kienet ta' Grazio u Marianna ossia dik numru 5 fi Triq l-Ispiera, ix-Xagħra, Għawdex.

**In kontroeżami**,[24] jgħid li lil Victor Sultana ma jafux u fl-għalqa jaf biss lil Grazio Bigeni. Jgħid li ma jafx li Victor Sultana għandu xi tfal l-Awstralja.

Jgħid li l-għalqa in mertu fiha xi tomna u tiftaħ għal fuq Triq Ġnien Imrik. Jgħid li huwa kien jaċċedi għalija minn Triq l-Ispiera, mid-dar ta' Grazio Bigeni u martu.

Jgħid li huwa kien ikun f'din l-għalqa jilgħab ma' Jesmond Bigeni u ġieli anke kien hemm ma' Grazio Bigeni biż-żiemel.

Jikkonferma li l-għalqa tiġbed minn Triq Ġnien Imrik sa Triq l-Ispiera.

Jgħid li huma kienu jkunu fl-għalqa kollha li kienet magħrufa wkoll bħala "Ix-Xagħri ta' Grezzju."

Jaqbel li Grazio Bigeni bena fuq in-nofs ta' wara tal-għalqa fejn jikkonfina mad-dar tiegħu aċċessibbli minn Triq l-Ispiera. Iżid li fuq in-nofs in-naħa ta' Triq Ġnien Imrik la kien hemm bini u anqas hemm issa.

Jispjega li Grazio Bigeni kien juza l-kumplament tal-ghalqa billi jidres aktar lejn in-nofs u jiżra' t-tul kollu tagħha.

**Julian Lewis Bajada**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[25] Iddikjara li huwa kiber f'dar qrib ħafna tal-għalqa in mertu magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Għar." Iddikjara wkoll li din l-

[24] Fol. 177 sa 180.
[25] Fol. 60 u għal darb'oħra a fol. 65.

għalqa dejjem jafha f'idejn Grazio Bigeni u warajh f'idejn uliedu. Iżid li tant u hekk li apparti li huwa magħruf bħala "Ta' Fuq il-Għar" hemmhekk jafuh ukoll bħala "Ix-Xagħri ta' Grezzju". Jgħid ukoll li qatt ma ra lil ħadd aktar f'dik l-għalqa jekk mhux lill-familja ta' Grazio Bigeni. Iżid ukoll li l-istess għalqa tinfed għad-dar residenzjali li kienet ta' Grazio u Marianna ossia dik numru 5 fi Triq l-Ipsiera, ix-Xagħra, Għawdex.

**Giga Attard**, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[26] Iddikjarat li hija kibret f'dar qrib ħafna tal-għalqa in mertu magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Għar." Iddikjarat ukoll li din l-għalqa dejjem tafha f'idejn Grazio Bigeni u warajh f'idejn uliedu. Iżżid li tant u hekk li apparti li huwa magħruf bħala "Ta' Fuq il-Għar" hemmhekk jafuh ukoll bħala "Ix-Xagħri ta' Grezzju." Tgħid ukoll li qatt ma rat lil ħadd aktar f'dik l-għalqa jekk mhux lill-familja ta' Grazio Bigeni. Iżid ukoll li l-istess għalqa tinfed għad-dar residenzjali li kienet ta' Grazio u Marianna ossia dik numru 5 fi Triq l-Ispiera, ix-Xagħra, Għawdex.

**Agnes Sammut**, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[27] Iddikjarat li hija bint Pietru Pawl Portelli li jiġi n-neputi ta' Teresa u Victor aħwa Sultana. Tgħid li Victor Sultana għandu familtu barra minn Malta u huma qatt ma semgħu b'aħbarhom u anqas għandhom kuntatt magħhom. Iżżid li l-proprjetà li kellu Victor f'Għawdex tħalliet abbandunata.[28]

---

[26] Fol. 61 u għal darb'oħra a fol. 66.
[27] Fol. 62 u għal darb'oħra a fol. 69.
[28] Il-Qorti tosserva li din ix-xhud irrilaxxat l-affidavit tagħha a fol. 62 tal-proċess nhar it-30 ta' Awwissu, 2019 mentri ma' rikors magħmul għan-nom tagħha nhar it-18 ta' Ġunju, 2021 (a fol. 155) ġie anness ċertifikat ta' psikjatra (a fol. 156) li jindika li hija *has suffered from dementia with onset in 2015 which has now resulted in significant impairment of her cognitive functions including memory*.

**Carmel Portelli**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[29] Iddikjara li huwa jiġi iben Pietru Pawl Portelli li jiġi n-neputi ta' Teresa u Victor aħwa Sultana. Iżid li l-kuġini ta' missieru, ossia t-tfal ta' Victor Sultana u nieshom huwa ma jafhomx peress li qatt ma ġew Għawdex. Iżid li l-wirt ta' Victor Sultana baqa' battal bir-raba' li kellu baqgħet abbandunata.[30]

**Lora Bartolo**, xehdet bil-procedura tal-affidavit.[31] Iddikjarat li meta kellha xi tlettax(13)-il sena missierha akkwista biċċa art li kienet tmiss mad-dar tagħhom liema dar iġġib in-numru 5 u tinsab fi Triq l-Ispiera, ix-Xagħra. Tgħid li din l-art ossia għalqa dejjem inħadmet minn missierha, anke jekk f'xi waqt kienet inxtrat miz-ziju tagħha Francesco Mercieca. Tispjega li l-għalqa kienet aċċessibbli minn Triq Ġnien Imrik kif ukoll mid-dar residenzjali tal-ġenituri tagħha fi Triq l-Ispiera.

Iżżid li f'din l-għalqa kien hemm ġiebja li missierha kien saqqaf u bidel f'kamra lejn l-aħħar tas-snin ħamsin. Iżżid li xi żmien wara dan missierha bena kamra oħra fuq dik li kienet il-ġiebja. Tgħid ukoll li aktar tard, lejn l-1975 kienet ġiet lura mis-safar u sabet li ħdejn dawn l-istrutturi kienet inbniet remissa kbira.

Iżżid li meta ħuha Jesmond tfarfar dan kien beda jagħmel xogħol ta' mekkanik f'din l-għalqa. Tgħid li eventwalment, u lejn l-aħħar tas-snin tmenin, ħuha Jesmond kabbar ir-remissa u inkorpora l-istess mal-kamra li qabel kienet il-ġiebja sabiex kompla jaħdem bħala mekkanik minn ġo dawn l-istrutturi.

---

[29] Fol. 63 u għal darb'oħra a fol. 86.
[30] Il-Qorti tosserva li mħarrek sabiex jixhed in kontroeżami, wara li rrilaxxa l-affidavit tiegħu a fol. 63 nhar it-30 ta' Awwissu, 2019, mart dan ix-xhud intavolat rikors nhar it-23 ta' Ġunju, 2021 (a fol. 157) ma' liema ġie anness ċertifikat ta' tabib (a fol. 158) li jindika li x-xhud *is suffering from dementia* u *is at present residing at Villa San Lawrenz*.
[31] Fol. 67 sa 68.

Tgħid li l-għalqa dejjem tafha għand missierha u skopriet li missierha kien xtara biss nofsha ftit xhur qabel Settembru, 2019 meta n-Nutar Maria Grima infurmathom li minn riċerka li għamlet b'rabta ma' konvenju li kienu ghamlu rrizulta proprju dan.

Tikkonkludi li f'dawn is-snin kollha ħadd qatt ma kellimhom li hemm mhux tagħhom jew li għandhom xi sehem magħhom. Tgħid li tant u hekk li meta mietu ommhom u missierhom iddenunzjaw sehem missierhom f'din l-għalqa fuq l-aħwa kollha mentri ddenunzjaw sehem ommhom skont id-dispożizzjonijiet testamentarji tagħha. Tispjega li ommhom ħalliet sehemha f'din l-għalqa lilha u lil Jesmond. Tispjega li aktar tard (fl-2006) l-aħwa dehru wkoll fuq att ta' diviżjoni.

**In kontroeżami**,[32] tgħid li mindu kellha xi tlettax(13)-il sena l-għalqa in mertu dejjem tafha f'idejn missierha. Tgħid li mis-sular ta' fuq tad-dar fejn trabbew kienu jinżlu b'taraġ isfel fl-imqajel u minn hemm jaċċedu għal din l-għalqa.

Tgħid li lil Victor Sultana li kontrih saret il-kawza hija ma tafux għax huwa miet fl-1942 u hija twieldet fl-1944.

Tgħid li hija saret taf li Victor Sultana kellu minn din l-għalqa meta qaltilhom b'hekk in-Nutara. Iżżid li qabel ħadd qatt ma qalilhom li hemm mhux tagħhom.

Tgħid li safejn taf hija Victor Sultana miet ix-Xagħra, Għawdex.

Tgħid li l-għalqa ħallsu d-denunzja fuqha u sa xi sentejn qabel—i.e. 2019 stante li l-kontroeżami sar fl-2021—kollox kien għadu

[32] Fol. 123 sa 132.

sew tant li hija u ħuha kienu bdew jibnu hemm u ħadd ma waqqafhom jew qalilhom li hemm mhux tagħhom.

Tgħid li huma saħansitra qasmu hemmhekk. Iżżid li riċerki m'għamlux. Iżżid li r-riċerki saru xi l-2019 meta wħud minn ħutha riedu jbigħu sehemhom u n-nutar li rrediġiet il-konvenju għamlet ir-riċerki. Tgħid li kien hemm li rriżulta s-sehem ta' Victor Sultana.

Tikkonferma li missierha miet f'Ġunju, 1997.

Tgħid li t-tfal kienu dejjem kienu jkunu jilagħbu fl-għalqa u qatt ħadd ma qalilhom li hemm mhux tagħhom.

Mistoqsija għalfejn għamlu din il-kawża mhux kawża għad-diviżjoni ma' min għandu s-sehem l-ieħor tgħid li m'hemmx ma' min taqsam għaliex ħadd ma resaq 'il quddiem jgħid li hemm għandu sehem magħhom. Iżżid li ma tafx jekk Victor Sultana kienx ġuvni jew miżżewweġ u kellux ulied.

Tgħid li apparti li kien jaħdimha din l-għalqa, missierha fiha kien iżomm inġenji u bhejjem. Iżżid li kien anke bena fuqha. Tgħid li kellhom imqajel u remissa.

Tgħid li t-tomna raba' in mertu hija kollha tal-bini.

Tgħid li meta missierha ma baqax jiflaħ kien kompla jaħdem l-għalqa ħuha li minn ġo fiha kien anke jaħdem ta' mekkanik.

Mistoqsija tiċċara fejn bena missierha fuq din l-art, jekk hux fuq l-art kollha, tinsisti li *"fuq it-tnejn kellna, fuq it-tnejn, fuq it-tnejn kien hawn l-imqajjel, hawnhekk kien hawn giebja, konna nuzawha kollha"* (ref. xhieda in kontroeżami—parti ċitata a fol. 129).

Tgħid li wara li miet missierha tneħħew mill-istrutturi li kien hemm fl-għalqa għaliex ma baqgħux irabbu l-bhejjem. Iżżid iżda li ħuha kabbar mal-ġiebja li kienet ġiet konvertita f'kamra sabiex kellu fejn jaħdem ta' mekkanik.

Tgħid li huma għadhom jagħmlu użu mill-għalqa sħiħa sal-lum.

Mistoqsija kemm mill-għalqa kienet mibnija u kemm kien għada wiċċ ħamrija tgħid li kejl eżatt ma tafx. Taqbel iżda li l-għalqa baqgħalha faċċata għal Triq Ġnien Imrik. Terġa' tgħid li fuqha kellhom remissa u mqajel u kienu jaċċedu fiha anke minn Triq Ġnien Imrik fejn kien hemm xatba.

Tgħid li ma tafx li Giovanna Theuma u l-aħwa li wirtuha—Teresa u Victor Sultana—jiġu minn missierha.

Terġa' tgħid li taf dik l-għalqa għandhom fl-intier tagħha. Tgħid li għandha sebgħa u sebgħin (77) sena u tafha għandhom sa mindu kellha s-sens. Iżżid li din l-għalqa dejjem għexu fiha kif għadhom jagħmlu sal-ġurnata tal-lum għax id-dar li kienet tal-ġenituri tagħhom għadha hemm għax żammewha.

**Jesmond Bigeni**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[33] Iddikjara li l-għalqa fi Ġnien Imrik huwa dejjem jafha għand missieru. Iżid li fiha kien hemm ġiebja li missieru saqqaf u fuqha bena wkoll kamra oħra.

Iżid li din l-għalqa tmiss u tinfed mad-dar li kienet residenzjali tagħhom ossia, id-dar numru 5, fi Triq l-Ispiera, ix-Xagħra. Jgħid ukoll li fl-għalqa kien hemm spiera li ġieli kienet tkun xotta.

[33] Fol. 70.

Jgħid li missieru baqa' jaħdem din l-għalqa sa meta miet bl-aħwa jgħinuh ukoll. Iħid li meta xjaħ missieru ħafna mix-xogħol tal-għalqa kien jagħmlu hu.

Jgħid li fi snin sebgħin meta huwa kellu xi għaxar (10) snin missieru bena remissa maġenb il-kamra li kienet ġiebja u dik ta' fuqha.

Jispjega li sa minn żogħżitu minn din l-għalqa huwa kien ukoll jagħmel xogħol ta' mekkanik *part-time*. Iżid li fis-snin tmenin, bidu tas-snin disgħin, huwa għaqqad ir-remissa mal-kamra li qabel kienet ġiebja u kompla jaħdem ta' mekkanik minn ġewwa dawn l-istrutturi.

Jikkonkludi li huwa dejjem jaf din l-għalqa għand missieru u sar jaf biss li missieru kien xtara biss nofsha lejn Settembru, 2019 meta wħud mill-aħwa ffirmaw konvenju u mir-riċerki n-Nutar indunat b'dan. Jgħid li qatt ħadd ma qallu li hemm mhux tagħhom jew li għandu xi sehem minnu magħhom.

**In kontroeżami**,[34] muri r-ritratt mill-ajru a fol. 57 tal-proċess jaqbel li dan juri l-għalqa kollha mertu tal-kawża fl-intier tagħha. Muri wkoll il-pjanta a fol. 50 tal-proċess jaqbel li l-kostruzzjonijiet li jidhru hemm qegħdin biss fuq l-estremità ta' wara nett tal-art, mentri n-naħa tat-triq m'hemmx.

Jgħid li l-kostruzzjonijiet bil-kantunieri mmarkati bl-ittri "A", "B", "C", u "D" fuq il-pjanta a fol. 50 huma l-imqajel. Iżid li kien hemm ukoll kamra oħra iktar 'l isfel b'remissa maġenbha. Jimmarka l-post fejn kien hemm ir-remissa bl-ittra "X" u l-ġiebja li kienet ġiet konvertita f'kamra bl-ittra "Y".

[34] Fol. 133 sa 136.

Iżid li l-kumplament tal-ghalqa u aktar lejn it-triq kienet tinħadem u tinżera'.

**Charlie Bigeni**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[35] Iddikjara li fl-1957 meta huwa kellu sitt (6) snin missieru kien diġà jaħdem l-għalqa in mertu. Jgħid li bejn l-1957 u l-1958 missieru saqqaf ġiebja li kienet fl-għalqa sabiex ikkonvertiha f'kamra. Iżid li fl-1963 huwa bena kamra oħra fuq il-ġiebja hekk konvertita. Jgħid li fl-għalqa kien hemm ukoll spiera.

Jgħid li meta ġie lura mis-safar fl-1977 sab li missieru kien tella' aktar bini f'din l-għalqa li kienet għadha tinħadem minn missieru.

Jgħid li fl-2001 missieru kien miet u l-għalqa kienet tinħadem minn ħuh Jesmond.

Jikkonkludi li din l-għalqa huwa dejjem jafha f'idejn missieru u skopra li missieru kien xtara biss nofsha meta ġie biex ibigħ sehem minnha lejn Settembru, 2019. Jgħid li tul is-snin kollha qatt ħadd ma qallu xejn rigward din l-għalqa.

**In kontroeżami**,[36] xehed li huwa telaq minn Malta lejn l-Awstralja fl-1970 u għal darb'oħra fl-1977 fejn imbagħad baqa'. Jgħid li tul dan iż-żmien kien f'Ghawdex tliet (3) darbiet, fl-1977, l-1991, u l-2001. Iżid li fl-1977 dam Għawdex għal disa' (9) xhur bid-drabi l-oħra dam qisu sitt (6) ġimgħat jew xahrejn.

Jgħid li sar biss jaf li l-għalqa in mertu ma kinitx kollha kemm hi tagħhom meta ġew biex ibigħuha. Jgħid li huwa jiftakarha

[35] Fol. 71.
[36] Fol. 167 sa 173.

għand familtu minn ċkunitu b'missieru dejjem ħadimha u għamel li rid fiha.

Jgħid li huwa twieled fl-1951.

Fuq Victor Sultana u potenzjali wliedu jgħid li ma jaf xejn. Jinsisti li lil Victor Sultana ma jafux.

Mistoqsi rigward id-diviżjoni li għamlu l-aħwa jgħid li meta huma ġew biex qasmu ma qamet ebda kwistjoni. Iżid li saru biss jafu b'Victor Sultana meta wħud minnhom ġew biex ibigħu.

Jispjega li ommu mietet wara missieru. Jispjega li d-disa' (9) aħwa wirtu l-istess mingħand missierhom iżda sehem ommhom mar fuq tnejn biss minnhom. Jiċċara li huma kienu ser ibigħu biss porzjon mill-għalqa in mertu: seba'(7) ishma minn disgħa (9).

Jispjega li fl-għalqa l-ewwel kien hemm ġiebja u missieru din saqqafha u bidilha f'kamra. Jgħid li mbagħad, meta kien Għawdex fl-1977, sab li missieru kien bena r-remissa u meta kien Għawdex fl-1991 sab li din ir-remissa kien kabbarha. Jaqbel li l-bini qiegħed fuq in-naħa ta' wara tal-ghalqa, fuq kull naħa tal-għalqa. Jaqbel li l-bini, għalkemm fuq iż-żewġ naħat ta' wara tal-għalqa, qiegħed min-nofs tul l-għalqa 'l ġewwa.

Jispjega li d-dar tal-ġenituri tiegħu li huma kibru fiha qiegħda wara din l-għalqa.

Suġġerit lilu li min-nofs tul l-għalqa 'l quddiem lejn it-triq missieru qatt ma għamel xejn jgħid li missieru hemm kien jaħdmu u jiżirgħu. Jgħid li fuq din il-parti bini m'hemmx.

Iżid li għalihom dik l-għalqa dejjem kienet tagħhom. Jgħid li huma kibru fiha b'missieru dejjem għamel li rid fiha u ħadd qatt ma waqfu; ħadd qatt ma qallu li hemmhekk hemm sehem ħaddieħor.

Jikkonferma li huwa jgħix l-Awstralja iżda jgħid li proprjetà f'Malta għandu li ħallielu missieru.

**Eugenia Bigeni Attard**, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[37] Iddikjarat li sa minn kemm tagħtiha l-memorja l-għalqa in mertu dejjem inħadmet minn missierha flimkien ma' ħutha subien. Tgħid li din l-għalqa kienet maġenb id-dar fejn kibru. Iżżid li tiftakar li fiha kien hemm ġiebja li kienet issaqfet u nbniet kamra oħra fuqha.

Tgħid li hija telqet minn Malta fl-1976 iżda ġiet lura fuq btajjel fl-1985, fl-1993, fl-1999, u fl-2003 fejn dejjem marret f'din l-għalqa.

Tgħid li ma kinitx taf li lura fis-snin sittin missierha xtara biss nofsha.

**In kontroezami**,[38] tgħid li darbtejn mid-drabi li kienet Għawdex minn barra damet xahrejn. Iżżid li d-drabi l-oħra kienu ta' xi xahar u ġimagħtejn.

Tinsisti li l-għalqa in mertu hija kollha tagħhom għax huma trabbew fiha u kienu jużawha kollha kemm hi.

[37] Fol. 73.
[38] Fol. 163 sa 166.

Taqbel li l-bini fl-għalqa qiegħed fuq wara, mhux in-naħa tat-triq, u min-nofs l-għalqa lura. Taqbel ukoll li l-ġiebja li hemm kienet dejjem hemm, mhux bnieha missierha.

Taqbel li qabel saru jafu bil-kwistjoni huma kienu ser jaqsmu din l-għalqa bejn id-disa' (9) aħwa. Taqbel ukoll li l-għalqa hija waħda kbira u hija tal-bini, bil-faċċata tagħha tista' tinbena kollha.

**Edwin Gatt**, iben l-attriċi Maryanne Gatt, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[39] Iddikjara li nannuh kellu xagħri mad-dar tiegħu fi Triq Ġnien Imrik, ix-Xagħra. Jgħid li f'dan l-għalqa kien hemm żewġ (2) kmamar fuq xulxin. Jgħid li l-għalqa kienet konnessa mad-dar ta' nannuh li fiha kienu joqogħdu meta jkunu Għawdex. Jiftakar lil nannuh jaħdem fl-għalqa fejn ġieli għinuh ukoll flimkien ma' zijuhom Jesmond.

**Maryanne Gatt**, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[40] Iddikjarat li minn mindu kellha tlettax(13)-il sena hija taf din l-għalqa għand missierha. Tgħid li l-għalqa kienet tmiss mad-dar fejn kibru u fiha kien hemm ġiebja u spiera. Iżżid li l-ġiebja ssaqqfet u fuqu nbniet kamra oħra.

Iżżid li missierha kien għamel xatba għall-għalqa u dan sabiex ħadd ma jidħol hemm peress li kien jaħżen l-inġenji fiha.

Tgħid li hija akkwistat porzjon art viżin din l-għalqa u bniet id-dar tagħha hemm. Iżżid li ħalliet xatba li tagħti mill-proprjetà tagħha għal dik ta' missierha sabiex tgħaddi minn hemm minflok mit-triq meta tkun trid tmur għand il-ġenituri tagħha.

---

[39] Fol. 75.
[40] Fo.l 76 sa 77.

Tgħid li eventwalment siefret u meta ġiet lura fl-1998 sabet li missierha kien bena remissa fejn dik li kienet il-ġiebja tiegħu.

Tgħid li wara li miet missierha fl-1997 l-għalqa beda jaħdimha ħuha Jesmond.

Tgħid li tul dawn is-snin kollha hija dejjem qieset l-għalqa bħala ta' missierha u qatt ma kienet taf li missierha kien akkwista biss nofsha. Tgħid li dan saret biss tafu lejn Settembru, 2019 meta ġiet sabiex tbiegħ sehemha minn din l-għalqa. Tgħid li fil-fatt fuq id-denunzja kemm t'ommha kif ukoll ta' missierha huma ħallsu fuq l-għalqa sħiħa.

Tgħid li tul is-snin ħadd qatt ma qalilha li hemm mhux tagħhom.

**In kontroeżami**,[41] xehdet li hija telqet minn Għawdex fl-1962, ġiet lura fl-1971, u reġgħet marret l-Awstralja fl-1981. Tgħid li bejn l-1981 u l-1998 ma ġietx Għawdex. Tgħid li ġiet Għawdex fl-1998, l-2002, l-2018, u l-2019. Iżżid li fl-2002 għamlet erba' (4) ġimgħat Għawdex.

Tgħid li hija tqies l-għalqa in mertu tagħhom għax ilhom fiha sa minn dejjem. Tgħid li sa minn meta kellha tlettax(13)-il sena tiftakarha diġà f'idejhom. Tiċċara li hija twieldet fis-26 ta' Marzu, 1944.

Iżżid li saret taf li ma kinitx kollha ta' missierha meta ppruvat tbiegħ sehemha fl-2018.

[41] Fol. 159 sa 162.

Tgħid li fuq din l-għalqa missierha kien bena fuq iż-żewġ naħat tan-naħa ta' wara, mhux lejn it-triq.

Tgħid li lil Victor Sultana ma tafux u qatt ma semgħet bih.

Magħdud lilha li mal-kawża huma ppreżentaw it-testment ta' Victor Sultana fejn dan jgħid li għandu nofs din l-art ma' ħaddieħor u li jrid iħalli l-istess lil uliedu tgħid li hija ma tafx b'dan.

Taqbel li fit-testment tiegħu missierha ħallielha sehem milli kellu huwa.

**Victor Bigeni**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[42] Iddikjara li l-għalqa in mertu huwa dejjem jafha għand il-ġenituri tiegħu, jgħid li meta ġiet għandhom missieru saqqaf il-ġiebja u kkonvertiha f'kamra.

Jgħid li l-għalqa kienet tinħadem b'mod regolari u missieru kien anke jżomm l-inġenji fiha.

Iżid li huwa eventwalment siefer iżda kull meta ġie lura ra l-għalqa maħduma, inkluż meta ġie għall-funeral ta' missieru fl-1997. Iżid li dakinhar sab ukoll li kienet inbniet remissa fl-għalqa u kien hemm diversi vetturi fiha peress li ħuh Jesmond kien jagħmel xi xogħol ta' mekkanik.

Jgħid li meta ġie lura mis-safar fl-1998, fl-2001 u fl-2011 kollox kien għadu kif jiftakru. Iżid li mill-2012 beda jkun Għawdex kull sena u apparti bini li kienu waqqgħu fl-2011 ma kien inbidel xejn.

[42] Fol. 78.

Jikkonkludi li tul is-snin ħadd ma kellimhom li hemm mhux tagħhom jew li hemm xi sehem minnu in komproprjetà. Jgħid li sar jaf biss bil-kwistjoni meta għamlu konvenju sabiex tinbiegħ parti mill-għalqa.

**In kontroeżami**,[43] xehed illi huwa ilu nieqes minn Malta mill-1974. Jispjega li mill-2010 'il quddiem huwa kien Ghawdex kull sena. Jgħid li bejn l-1974 u l-2010 kien Għawdex fl-1976 għal disa' (9) xhur kif ukoll fl-1997, fl-1998, fl-2001 u fl-2003.

Jgħid li huwa ġieli ħarat din l-għalqa.

Jgħid li fuq il-faċċata tal-għalqa bini m'hemmx però kien hemm xatba f'ħajt tas-sejjieħ. Jgħid li il-ħajt tas-sejjieħ kien tali li ridt titla' fuq ponot subgħajk biex tara l-għalqa mit-triq.

Iżid li huwa twieled fl-1955.

Jikkonferma li saru biss jafu b'din il-kwistjoni meta ġew biex ibigħu u li qabel dan huma qatt m'għamlu riċerki.

**Stephen Joseph Bartolo**, iben l-attriċi Lora Bartolo, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[44] Iddikjara li huwa twieled l-Awstralja u ġie Għawdex għalkollox fl-1977.

Jgħid li fl-għalqa in mertu jaf ġiebja msaqqfa b'kamra oħra fuqha u remissa maġenbhom.

Jgħid li l-għalqa tmiss ma' dik li kienet id-dar residenzjali ta' nannuh.

[43] Fol. 174 sa 176.
[44] Fol. 79.

Jgħid li ziju Jesmond kien jaħdem ta' mekkanik minn ġewwa r-remissa f'din l-għalqa.

Iżid li jaf li l-għalqa kellha xatba minn Triq Ġnien Imrik u oħra għad-dar ta' zitu Miriam.

Jgħid li l-għalqa dejjem jafha għand in-nanniet tiegħu u ħadd qatt ma qallu mod ieħor.

**Simon Bigeni**, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[45] Iddikjara li l-għalqa dejjem jafha għand missieru u qatt ma kellu ħjiel li missieru kien xtara biss nofsha. Jgħid li dan sar jafu biss lejn Settembru, 2019 meta infurmawhom kompraturi prospettivi ta' porzjon minnha.

Jgħid li lilu qatt ħadd ma qallu li hemm kellhom biss nofs u missieru dejjem rrefera għall-għalqa bħala tagħhom.

**Joseph Bartolo**, iben l-attriċi Lora Bartolo, xehed bil-proċedura tal-affidavit.[46] Iddikjara li huwa ġie jgħix Għawdex mill-Awstralja fis-sena 1977.

Jgħid li huwa kien jgħix fl-istess triq tan-nanniet tiegħu u għamel anke żmien jgħix magħhom. Iżid li l-għalqa in mertu minn dejjem jafha għand nannuh. Jgħid li mid-dar tan-nanniet kienu jaċċedu direttament għal din l-għalqa u kienu jaslu wkoll għand zitu Miriam.

Jiftakar il-ġiebja msaqqfa b'kamra fuqha u r-remissa maġenbhom.

[45] Fol. 80.
[46] Fol. 83.

Jgħid li zijuh Jesmond irristruttura dawn il-binjiet għall-bidu tas-snin disgħtin.

Jgħid li l-għalqa baqgħet tinħadem sa qrib Settembru, 2019 meta kienu ġew sabiex jibnu.

Jgħid li huwa qatt ma kellu ħjiel li nannuh kien xtara biss nofs minn din l-għalqa. Jgħid li dan sar jafu biss lejn Settembru, 2019.

**Fortunata Galea**, xehdet bil-proċedura tal-affidavit.[47] Iddikjarat li l-għalqa dejjem tafha għand missierha. Iżżid li tiftakar l-ispiera u l-ġiebja fiha u li missierha kien saqqaf il-ġiebja u għamilha kamra.

Iżżid li fl-għalqa missierha kien iżomm inġenji u anke żiemel bil-karrettun. Tgħid li kien jaħdimha wkoll.

Tgħid li hija kienet telqet minn Malta iżda kull meta ġiet tul iż-żmien dejjem sabet l-għalqa mahduma. Tgħid li meta ġiet fl-1987 sabet li nbniet remissa. Tgħid li meta kienet Għawdex fl-2001 sabet li l-għalqa kienet qed tinaħdem minn ħuha Jesmond.

Tgħid li hija ma kellhiex ħjiel li missierha kien xtara biss nofs din l-għalqa u saret biss taf b'dan lejn Settembru, 2019 wara li ffirmaw konvenju għall-bejgħ ta' porzjon minnha. Tgħid li qatt ħadd ma kellimhom rigward din l-għalqa.

**Monsinjur Arċipriet Dun Carmelo sive Karm Refalo**, xehed[48] illi bid-dettalji mogħti fit-taħrika, wara li għamel riċerka fir-Reġistru tal-Istatus Animarum ma setax isib dettalji tat-twelid u l-mewt ta' Victor Sultana u jekk dan kellux ulied.

[47] Fol. 84.
[48] Fol. 188 sa 191.

**Xehed ulterjorment**[49] li b'informazzjoni ulterjuri li ngħata, sab li Victor Sultana miet fl-1942 u kien wieħed minn ħdax(11)-il wild ta' Giuseppe Sultana u Maria nee' Theuma. Isemmi b'isimhom lill-ħdax(11)-il wild inkluż Teresa.

Jgħid li fir-Reġistru m'hemmx notament jekk Victor Sultana kienx miżżewweġ jew armel.

**Xehed ulterjorment**[50] li minn riċerka ulterjuri li għamel sab diversi dokumenti—li esibixxa a fol. 254 sa 273 tal-proċess—rigward Victor Sultana. Jgħid li sab minn kienu l-ġenituri tiegħu u ħutu u fejn kienu jgħixu iżda xejn dwar uliedu. Jikkonferma d-data tal-mewt ta' Victor Sultana bħala dik tal-21 ta' Diċembru, 1942 iżda jgħid li dwar żwieġ jew ulied tiegħu ma sab xejn.

**David Portelli**, iben **Carmel Portelli** li xehed bil-proċedura tal-affidavit a fol. 63, xehed[51] illi missieru llum jinsab rikoverat u bid-dementia. Jgħid li missieru ilu hekk tant li huwa għandu prokura li tmur lura għall-2013 meta missieru kien diġà mhux sew.

Rigward l-affidavit li rrilaxxa missieru fl-2019, jgħid li huwa u zitu Agnes Sammut iltaqgħu mal-Avukat tal-atturi fejn ġew mistoqsija jafux b'nieshom. Jgħid li huwa prova jsaqsi lil missieru fuq hekk u dan qallu li ma jafhomx. Iżid li huwa dawn niesu qatt ma ltaqa' magħhom għax ma jgħixux Għawdex u ma jaf xejn dwarhom.

Jispejga li l-Avukat tal-atturi mar sabu fil-ħanut tiegħu, huwa spjegalu bil-problema ta' missieru u mxew minn hemm. Iżid li

[49] Fol. 233 sa 236.
[50] Fol. 274 sa 277.
[51] Fol. 192 sa 203.

l-affidavit ġabru mingħand l-Avukat tal-atturi, huwa mar bih għand missieru miktub u lest, missieru ffirmah u wara dan ħa l-affidavit iffirmat lura għand l-Avukat tal-atturi.

Jgħid li missieru ffirma quddiemu biss għax u waħdu mar bl-affidavit fejnu.

Iżid li huwa saqsa lil missieru dwar dawn in-nies u missieru qallu li huwa ma jaf xejn dwarhom. Mistoqsi kif allura missieru ddikjara li l-wirt ta' Victor Sultana tħalla battal u li r-raba' tiegħu kienet abbandunata jgħid li huwa 'qas biss jafhom dawn in-nies.

Jgħid li Agnes Sammut tiġi zitu, oħt missieru. Iżid li din hija wkoll marida bid-dementia. Jgħid li dakinhar li kienu għall-affidavit hija kienet preżenti mar-raġel tagħha.

Jerġa' jtenni li huwa dawn in-nies ma jafhomx, ma jafx x'kellhom, u ma jaf xejn dwarhom. Jgħid li l-istess zitu.

Moqri l-affidavit rilaxxat minn zitu Agnes Sammut a fol. 62 tal-proċess jinsisti li n-nies hemm imsemmija—Teresa Sultana u Victor Sultana—huma ma jafhumox, ma jafux x'kellhom, u ma jafu xejn dwarhom.

**Dr Joseph Farrugia**, li rrilaxxa ċ-ċertifikat mediku datat l-14 ta' Ġunju, 2021 relattiv għal Carmel Portelli—a fol. 158 tal-process—xehed[52] li huwa ilu tabib kuranti ta' Carmel Portelli xi għoxrin (20) sena jew iżjed, ossia, lura għal circa 2002.

Jgħid li Carmel Portelli kien ilu sejjer lura u xi darba anke ddaħħal ix-*Short Stay Ward* tas-sezzjoni psikjatrika tal-isptar.

[52] Fol. 204 sa 209.

Jgħid li ma jafx dan kienx rigward id-dementia jew għax kien isoffri mill-paranojja.

Jgħid li Carmel Portelli llum huwa f'sodda u immobbli. Jgħid li l-aħħar li rah f'Ġunju tal-2021 hekk sabu u xħin kellmu m'għarfux.

Mistoqsi rigward l-affidavit li rrilaxxa Carmel Portelli fl-2019 jgħid li huwa ma jafx f'liema stat mentali kien dakinhar. Iżid li ma jiftakarx li mingħandu ntalab xi ċertifikat ta' kompetenza sabiex Carmel Portelli jirrilaxxa affidavit.

Jgħid li huwa ma jafx meta kien l-ewwel li Carmel Portelli ġie ċertifikat li qiegħed ibati bid-dementia.

**Prof. David Mamo**, li rrilaxxa ċ-ċertifikat mediku datat is-16 ta' Ġunju, 2021 relattiv għal Agnes Sammut—ċertifikat a fol. 156 tal-proċess—xehed[53] li l-ewwel darba li huwa ra lil Agnes Sammut kien fl-2015 fejn diġà kellha bidu ta' dementia. Iżid li fl-2019 ma rahiex iżda raha f'Settembru tal-2020 fejn kienet simili għal kif sabha dakinhar li rrilaxxa ċ-ċertifkat tal-2021 in atti.

Jiċċara li dan ifisser li kellha dementia ta' stat avvanzat moderat fejn kienet tinsa mhux ħażin u ma kinitx orjentata fil-post u ż-żmien. Iżid li kienet għalhekk avvanzat mhux ħażin.

Jgħid li huwa ċar li ladabra fl-2020 sabha hekk, mill-2015 kien hemm progress gradwali tad-dementia.

Mistoqsi jekk f'tali stat Agnes Sammut kinitx f'kondizzjoni tirrilaxxa affidavit jgħid li huwa ma ezaminahiex għalhekk u l-

[53] Fol. 210 sa 215.

fatt li kienet f'ċertu stat ma jfissirx li ma kinitx kapaċi tagħmel xi ħaġa jew oħra.

Iżid li l-kapaċità mentali hija speċifika għall-affarijiet u għalhekk ma jistax jikkumenta jekk setgħetx taghmel affidavit f'Awwissu tal-2019 ladarba huwa ma kienx eżaminaha għalhekk.

Jgħid li bid-dementia mhux neċessarjament ma tkunx kapaċi tagħmel affidavit.

**In rieżami**[54] jikkonferma li huwa possibbli li xi ħadd fl-istat ta' Agnes Sammut jiftakar ċerti affarijiet mill-passat.

## Ċ. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu dikjarazzjoni ta' din il-Qorti li huma l-proprjetarji tal-art magħrufa bħala "Ta' Fuq il-Għar" jew "Ix-Xagħri" li tinsab ġewwa Triq Ġnien Imriek, ix-Xagħra, Għawdex u dan skont l-ishma rispettivi tagħhom kif indikati f'att ta' diviżjoni tal-11 ta' Settembru, 2006 in atti Nutar Maria Vella Magro u peress li l-istess art ġiet għandhom bl-usucapione u ċjoè bil-pussess *animo domini*, pubbliku, paċifiku u kontinwat għal aktar minn tletin (30) sena.

Il-kuratur deputat tal-wirt ġaċenti ta' Victor Sultana rrisponda għal din it-talba billi *inter alia* eċċepixxa li ma jissustux l-elementi kollha li titlob il-liġi għall-akkwist tal-art bl-usucapione. Eċċepixxa wkoll li bil-kawża promossa l-atturi qegħdin jittentaw jakkwistaw titolu fuq art li huma jafu li ma

[54] Fol. 215 sa 216.

tappartjenix kollha lilhom inkluż meta hemm rimedju ta' diviżjoni bejnhom u bejn l-eredi ta' Victor Sultana.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

Mid-dokumenti in atti u l-assjem tal-provi huwa ċar li lura fl-10 ta' Lulju, 1957 Grazio Bigeni, l-awtur tal-atturi,[55] akkwista b'rahan in-nofs indiviż tal-art in mertu mill-poter ta' Teresa Sultana, oħt Victor Sultana, il-konvenut kif rappreżentat, wara self ta' flus li huwa kien għamel lill-istess Teresa Sultana.

Jumejn biss wara dan, ossia fit-12 ta' Lulju, 1957 l-istess Teresa Sultana dehret fuq kuntratt ta' kompravendità fejn biegħet dan l-istess sehem ta' nofs indiviż tagħha fl-art in mertu lil Francesco Mercieca[56] li assuma wkoll ir-responsabbilitajiet marbuta mar-rahan li kienu viġenti bejn Teresa Sultana u Grazio Bigeni. Min-naħa tiegħu, l-istess Francesco Mercieca imbagħad għadda sabiex biegħ dan is-sehem indiviż lill-awtur tal-atturi—l-istess Grazio Bigeni—fid-9 ta' Settembru, 1969.

Mid-dokumenti in atti—kif ukoll mix-xhieda mogħtija minn bosta mill-atturi—huwa wkoll ċar li l-art in mertu kienet munita bi spiera komuni bejn in-nofs indiviż li prevjena lill-awtur tal-atturi kif hawn fuq spjegat u n-nofs indiviż l-ieħor.[57]

Jirriżulta wkoll ċar li fi żminijiet diversi l-awtur tal-atturi għamel diversi xogħlijiet inkluż billi biddel u rristruttura ġiebja f'kamra, bena kamra oħra fuq l-istess—f'diversi drabi din il-kamra addizzjonali fuq dik li qabel kienet ġiebja hija deskritta

[55] Grazio Bigeni jiġi missier l-ewwel seba' (7) atturi u n-nannu tal-ahhar erbgħa (4) meta magħduda kif imniżżla fl-okkju tal-kawża. Jirriżulta li hemm bint—Eugenia Bigeni Attard—u neputija—Nathalie Bigeni—neqsin mill-azzjoni.
[56] Kuġin tal-awtur tal-atturi Grazio Bigeni.
[57] Ref. *inter alia*, l-aħħar paragrafu fuq il-paġna tal-kuntratt ta' kompravendità tad-9 ta' Settembru, 1969 a fol. 28 liema pargrafu jkompli a fol. 29.

bħala gallinar għall-ħamiem—u bena wkoll remissa li kienet oriġinarjament utilizzata għall-ħazna ta' għodda u prodotti relatati mal-bdiewa u f'xi żmien ġiet ristrutturata wkoll billi tkabbret, ġiet minfuda mal-kamra li kienet oriġinarjament ġiebja, u bdiet tintuża mill-attur Jesmond Bigeni għax-xogħol tiegħu ta' mekkanik.

Jirriżulta wkoll li almenu l-awtur tal-atturi kien konxju meta akkwista n-nofs indiviż tal-art in mertu mill-poter ta' Francesco Mercieca li n-nofs l-ieħor kien jappartjeni lill-werrieta ta' Victor Sultana, u dan kif dikjarat fl-att ta' kompravendità tad-9 ta' Settembru, 1969 bejn l-istess Grazio Bigeni u Francesco Mercieca[58].

L-atturi wlied Grazio Bigeni jgħaddu mbagħad sabiex ilkoll jikkonfermaw li huma sa minn meta kellhom sens jafu din l-art għand missierhom fl-intier tagħha b'missierhom kien dejjem jagħmel użu minnha kif rid inkluż billi bena u altera bini u billi kien iżomm diversi annimali, vetturi u inġenji fiha. Jikkonfermaw ukoll li l-għalqa kellha entratura minn Triq Ġnien Imriek u oħra mid-dar residenzjali tal-ġenituri tagħhom li l-aċċess għaliha huwa minn Triq l-Ispiera. Jikkonfermaw ulterjorment li meta waħda minnhom—Maryanne Gatt—żviluppat id-dar tagħha fil-qrib hija ħalliet aċċess għal din l-għalqa sabiex setgħet tgħaddi minnha minflok mit-triq kull meta ġiet li marret għand il-ġenituri tagħha.

F'dan id-dawl, jagħti l-każ li mill-mewt ta' Grazio Bigeni, l-awtur tagħhom, fit-22 ta' Ġunju, 1997[59] 'il quddiem l-atturi

[58] Fuq nett tal-paġna tal-att a fol. 29 tal-proċess.

[59] Data tal-mewt tirriżulta mid-dikjarazzjoni *causa mortis* li għamlu l-atturi u terzi wara l-mewt ta' Grazio Bigeni, in atti iżda mhux impaġinata. Data kkonfermata

setgħu ma kinux jafu bl-eżistenza ta' Victor Sultana u l-eredi tiegħu, kif fil-fatt konsistentement jixhdu li ma kinux jafu bih. Iżda ma jistax jingħad li l-istess awtur tagħhom ma kienx jaf bl-eżistenza tal-istess Victor Sultana u l-fatt li dan kellu l-werrieta tenut kont ta' dak dikjarat fl-att ta' kompravendità tad-9 ta' Settembru, 1969.

L-atturi jressqu wkoll diversi xhieda indipendenti li jixhdu li tant f'dik l-għalqa jafu biss lill-awtur tal-atturi u aktar tard lil uliedu—partikolarment lil Jesmond Bigeni—li hemmhekk sar ukoll magħruf bħala "Ix-Xagħri ta' Grezzju." L-istess xhieda wkoll jikkonfermaw li hemmhekk ma jafu lill-ħadd għajr lill-familjari ta' Grazio Bigeni.

Punt ta' kontestazzjoni frekwenti kien jekk Victor Sultana ħalliex eredi o meno. Dan ġie validament indirizzat mill-kuratur deputat tal-wirt ġaċenti tieghu billi b'reqqa kbira bid-dokumenti u xhieda li ressaq, apparti li ċċara li hemm żball fl-identifikazzjoni ta' Victor Sultana fl-okkju tal-kawża, stante li Verginia nee' Roche li hija hemm imniżżla bħala ommu tirriżulta li kienet fil-fatt martu; wera wkoll li l-imsemmi Victor Sultana kien miżżewweġ lill-imsemmija Verginia nee' Roche u flimkien kellhom almenu t-tliet (3) ulied subien li jirriżultaw fit-testment tiegħu tal-11 ta' Diċembru, 1942 in atti Nutar Francecso Refalo, ossia: Emanuele, Giorgio u Andrea.[60]

L-identità ta' Victor Sultana hija ulterjorment ikkonfermata bix-xogħol siewi tal-kuratur deputat li ressaq ukoll kopja kompluta

wkoll f'diversi testimonjanzità l-atturi inkluż dik ta' Lora Bartolo, Maryanne Gatt, u Victor Bigeni.

[60] It-testment ta' Victor Sultana ġie esibit darbtejn, darba mill-atturi a fol. 31 *et seq* u darb'oħra mill-kuratur tal-wirt ġaċenti tiegħu a fol. 246 *et seq*.

taċ-ċertifikat tal-mewt tiegħu kif ukoll lill-Monsinjur Arċipriet Dun Carmelo sive Karm Refalo sabiex jixhed.

Permezz tat-tali ċertifikat tal-mewt u tax-xhieda tal-Monsinjur huwa ċċarat lil hemm minn kull dubju li Victor Sultana li huwa konvenut rappreżentat f'dawn il-proċeduri huwa l-istess Victor Sultana li akkwista nofs indiviż tal-art in mertu flimkien ma oħtu Teresa Sultana, l-aventi kawża tal-awtur tal-atturi, mill-wirt ta' Giovanna Theuma.

Dan magħdud, din l-azzjoni hija ċirkoskritta bid-dettami tal-Liġi, il-Ġurisprudenza, u d-Dottrina relattiva għall-preskrizzjoni akkwiżittiva trentennali li hija regolata mill-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, li jiddisponi:

> **2143.** *L-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqgħu bil-preskrizzjoni egħluq tletin sena, u ebda oppożizzjoni għall-preskrizzjoni ma tista' ssir minħabba n-nuqqas ta' titolu jew ta' bona fidi.*

Din id-dispożizzjoni tista' titqies kemm akkwiżittiva kif ukoll estintiva[61] u hawnhekk, allura, tirriżulta distinzjoni elementari bejn dawn iż-żewġ preskrizzjonijiet rigward l-*onus probandi* rikjest għal kull waħda mit-tipi ta' preskrizzjonijiet.

Dan għaliex filwaqt li fil-preskrizzjoni estintiva l-eċċipjent huwa tenut jipprova biss il-perkors taż-żmien statutorju applikabbli u mbagħad ikun jispetta lill-attur li jiddefendi lilu nnifsu billi jagħżel it-triq u l-mezz li tagħtih il-Liġi biex jinnewtralizza tali eċċezzjoni; fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva din tirrikjedi l-

[61] Ref. deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-2 ta' Ġunju, 2000 fl-ismijiet ***Bernardina D'Amato et vs Lourdes Axiaq***.

prova mhux biss tal-perkors taż-żmien stabbilit mil-Liġi iżda wkoll tal-elementi kollha li l-Liġi tesiġi li jiġu pruvati.[62]

Għalhekk, fil-każ tal-preskrizzjoni akkwiżittiva, bħall-każ *de quo*, jispetta lill-atturi li jippruvaw il-perkors taż-żmien stabbilit bil-Liġi, ossia, il-perkors tat-terminu ta' tletin (30) sena, iżda wkoll l-eżistenza tal-elementi kollha addizzjonali li l-Liġi tesiġi li jiġu ppruvati ossia; dawk relatati mal-pussess.

Għal dak li hu l-fattur taż-żmien il-prova li trid issir hija waħda konvinċenti tal-bidu tal-pussess vantat mill-atturi billi ma tistax titqies suffiċjenti s-sempliċi affermazzjoni ġenerika "*longissimi temporis praescriptio*."

Kjarament ukoll dan il-bidu hu allaċċjat mal-mument fokali meta l-preskrivent jibda jippossjedi b'mod kontinwu, mhux miksur (mhux interrot), paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku l-proprjetà li hu intenzjonat jippreskrivi.

Dawn l-elementi tal-pussess jirriżultaw rekwiżiti mill-Artikolu 2107(1) tal-Kodiċi Ċivili li jrid illi:

> **2107.** *(1) Il-preskrizzjoni hija mod ta' akkwist ta' jedd b'pussess kontinwu, mhux miksur, paċifiku, pubbliku, u mhux ekwivoku, għal żmien li tgħid il-liġi.*

Dwar dan l-artikolu, adottat mill-Kodiċi Napoleoniku,[63] l-awtur Baudry — Lacantinerie jispjega illi:

> *Le condizioni enumerate da questo articolo sono richieste per ogni prescrizione acquisitiva, tanto per la prescrizione da dieci a venti*

[62] Ref. deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Josianne Sciberras vs Giovanni Vella*** kif ukoll dik mogħtija mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet ***Joseph Aquilina et vs Sunny Homes Ltd et***.
[63] c. f. art. 2229 Kodiċi Ċivili Taljan.

*anni, quanto per quella di trenta. Tutte tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che è stata commessa di lui, e a metterlo in grado di respingerla. Di queste condizioni quattro soltanto si riferiscono, in modo esatto a qualità del possesso, e all'assenza dei vizi del possesso; queste contemplano il carattere continuo, pacifico, pubblico, e non equivoco del possesso. L'interruzione è infatti la cessazione del possesso, e non ne è soltanto un vizio; quanto all'intenzione di comportarsi come proprietario, nel nostro diritto attuale, è un elemento essenziale del possesso.*[64]

Dwar il-kondizzjoni tal-kontinwità u nuqqas ta' interruzjoni, l-istess awtur ifisser illi:

*Il possesso è continuo, quando è senza intermittenze e senza lacune … perché il possesso sia continuo non è necessario che il possessore sia stato in contatto costante con la cosa; a questo modo non vi sarebbe prescrizione possibile. Basta che abbia compiuto regolarmente i diversi atti di godimento di cui la cosa è suscettibile, che si sia comportato come un proprietario accurato e diligente. La prescrizione trasforma il fatto in diritto: il possesso che vi conduce deve dunque essere la manifestazione regolare del diritto che il possessore pretende avere sulla cosa e che la prescrizione consolidera.'*[65]

*L'interruzione non deve esser confusa con le discontinuità. Essa è salvo il caso di abbandono, di derelictio, opera di un terzo, o suppone almeno l'intervento di un terzo; la non continuità è imputabile al possessore. L'interruzione, e ora una turbativa giuridica del possesso, ora un'interuzione del possesso, una*

[64] Trattato Teorico — Pratico di Diritto Civile; Della Prescrizione, para. 238 paġ. 190.
[65] Ibid para. 239 paġ. 191.

*perdita momentanea; la non coninuità implica che il godimento non sia stato normalmente esercitato.*[66]

L-istess awtur jgħallem illi l-pussess irid ikun paċifiku bil-mod segwenti:

*Un individuo si impadronisce di un fondo con mezzi violenti: poco importa che sia per mezzo di violenze fisiche o morali risultanti da minacce, poco importa anche che questi mezzi violenti siano stati impiegati contro il vero proprietario o contro un'altra persona, che siano il fatto del possessore stesso o di altre persone che agiscono in suo nome. Questi atti di violenza, dice la legge, non potranno fargli acquistare il possesso utile per la prescrizione.*[67]

Dwar il-kondizzjoni l-oħra li l-pussess irid ikun pubbliku, l-istess awtur ikompli sabiex jgħid illi:

*La clandestinità dice il Dunod, è un ostacolo alla prescrizione perché il possessore nasconde il suo godimento, e gli interessati che non lo hanno conosciuto sono scusabili per non essersi opposti. Si è possessore clandestino quando apprendendo una contestazione, si entra in possesso furtivamente e con atti oscuri, che si crede non debbano venire a conoscenza delle parti interessate, perché è difficile che li sappiano. Collocandosi dal punto di vista inverso, si deve dire che il possesso è pubblici quando è stato esercitato a vista e saputa di quelli che l'hanno voluto vedere e sapere.*[68]

[66] Ibid para. 242 paġ. 194.
[67] Ibid para. 251 paġ. 199.
[68] Ibid para. 257 paġ. 204.

Kundizzjoni importanti ferm għal din il-preskizzjoni fil-Liġi kontinentali hija l-pussess *a titolo di proprietario* jew *animo domini*.

Dwar dan l-element l-awtur ċitat jgħid illi:

> *Per poter prescrivere occorre possedere animo domini, cioè a titolo di proprietario, o in modo più generale a titolo di padrone del diritto che si pretende acquistare per prescrizione. Questa non è soltanto una semplice qualità del possesso; è secondo noi, nel sistema che ha ispirato i legislatori del codice civile, un elemento costitutivo. L'animus domini esiste presso colui che possiede in virtu' di un titolo traslativo di proprietà, come vendita, permuta, donazione. Esiste anche presso l'usurpatore, praedo; senza dubbio questo non ignora che la proprieta' della cosa appartiene ad altri; egli è in mala fede, ma cioè non gli impedisce di avere 'animus domini'; egli si dice proprietario e agisce come tale. Invece il fittaiuolo, il commodatario, il depositario, il tutore, il marito, e in modo generale tutti gli amministratori della cosa altrui non hanno l'animus domini; il loro stesso titolo implica il riconoscimento del diritto del proprietario.*[69]

Minn dan joħroġ illi l-atti di *pura facoltà e di semplice tolleranza* qatt ma jistgħu jwasslu għall-pussess jew għall-preskrizzjoni, għax kif ikompli jfisser l-istess awtur:

> *Il possesso è un fatto che implica la pretesa ad un diritto di cui si presenta come l'esercizio. Per conseguenza, perché gli atti possano generare il possesso o la prescrizione insieme, occorre che un'usurpazione sul diritto altrui, una violazione di questo diritto generante a vantaggio di colui contro il quale l'usurpazione é commessa un'azione giudiziaria per farla cessare. La prescrizione*

[69] Ibid. para. 264, 265 paġ. 208.

> *è la trasformazione di uno stato di fatto in uno stato di diritto: questa trasformazione non è possibile, com'e chiaro, se non quando il fatto implica positivamente la pretesa a un certo diritto.*[70]

Finalment il-pussess irid ikun ukoll mhux ekwivoku. Fi kliem l-istess awtur, dan ifisser lli:

> *Dicendo che il possesso deve essere non equivoco, non è probabile che la legge abbia inteso formolare una condizione particolare distinta da quella studiata fin qui. È piuttosto una determinazione di queste diverse condizioni, un carattere che è comune a tutte. Si è voluto dire che le diverse qualità del possesso (animus domini, continuità, pubblicità…) debbono risultare in modo chiaro, certo, non equivoco, dai fatti allegati dal possessore. Così il possesso di un condominio sarà quasi sempre, equivoco dal punto di vista dell'animus domini. Se alcuni fatti molto significativi non vengono a dimostrare che vi è stata la volontà di possedere per proprio conto esclusivo, dovrà essere considerato come se abbia posseduto per conto di tutti gli interessati e non potrà per conseguenza opporre alcuna prescrizione agli altri condomini.*[71]

Dan it-tagħlim ġie wkoll adottat mill-Qrati nostrani fejn ingħad illi:

> *[…] għall-effikaċja tagħha bħala akkwiżittiva, din il-preskrizzjoni tippresumi l-pussess leġittimu li trid il-liġi għaż-żmien kollu tat-trentenju. Hu magħruf illi l-element tal-pussess ċivili huma tnejn, dak materjali, il-poter fuq il-ħaġa, u ieħor intenzjonali, l-*

[70] Ibid. para. 275 paġ. 213.
[71] Ibid. para. 287 paġ. 222.

*animu tal-pussessur li jgawdi d-dritt fuq il-ħaġa bħallikieku hu kien il-proprjietarju tagħha 'animus et corpus, corpus possessionis, et animus possidendi vel animus domini.'*

*Għalhekk ma hux pussess ċivili dak li jonqos fih wieħed jew ieħor minn dawn iż-żewġ elementi, b'mod illi mhux biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja. Barra minn dan hemm bżonn illi l-pussessur ikun leġittimu u kwindi li jipproduċi l-effetti ġuridici tiegħu speċjalment għall-akkwist tal-proprjetà bid-dekorriment taż-żmien. U biex dan il-pussess jista' jissejjaħ leġittimu, hemm bżonn illi jirnexxu ċerta kwalitajiet jew karattri, jiġifieri illi jkun kontinwu, mhux interrott, paċifiku, pubbliku u mhux ekwivoku.*[72]

Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami nsibu:

**Rigward il-kontinwità u n-nuqqas ta' interruzzjoni tal-pussess:**

Dawn iż-żewġ elementi jistgħu jinġabru flimkien għaliex il-wieħed ma jistax jeżisti mingħajr l-ieħor.

Kif ċitat supra, id-duttrina u l-ġurisprudenza tgħallem li l-pussess irid jissussisti għaż-żmien kollu tat-trentenju iżda mhux neċessarju li l-pussessur ikun il-ħin kollu fil-pussess tal-ħaġa. Li huwa neċessarju hu li l-pussessur jagħmel użu regolari mill-ħaġa billi jsiru atti regolari ta' godiment tagħha skont in-natura tagħha. Dik li l-awtur Baudry–Lacantinerie jsejjaħ *la*

[72] Ref. deċiżjoni mogħtija mill-Qorti tal-Appell nhar it-13 ta' Marzu, 1953 fl-ismijiet ***Carmelo Caruana et vs Orsla Vella***, kollez. vol. XXXVII. I. 705.

*manifestazione regolare del diritto che il possessore pretende avere sulla cosa.*

Fil-fehma ta' din il-Qorti, l-eżistenza u konsistenza ta' dawn l-elementi ġew sodisfaċentement ippruvati mill-atturi.

Dan billi ma rriżulta illi ħadd aktar għajr il-familjari tal-atturi ma kien jagħmel użu regolari minn din l-art, tant li d-diversi xhieda mressqa mill-atturi lkoll xehdu li din l-art kienet magħluqa bix-xatbiet peress li l-awtur tal-atturi kien iżomm diversi oġġetti fiha. Xhedu wkoll li fuq il-faċċata man-naha ta' Triq Gnien Imriek ix-xatba kienet f'hajt tas-sejjieħ konsiderabilment għoli tant li wieħed kien ikollu jitla' fuq ponot subgħajh sabiex jara l-għalqa warajh.

Il-pussess tal-atturi anqas ma jirrizulta li ġie xi darba kkontestat jew interrot tant li l-atturi konsistentement xehdu li lilhom ħadd qatt ma qallhom li hemm mhux tagħhom jew li kien hemm xi sehem fih li huwa ta' ħaddieħor. Infatti, xehdu wkoll li huma saru biss jafu bl-eżistenza ta' Victor Sultana meta wħud minnhom ittentaw ibigħu porzjon mill-art u n-nutar ingaġġjata sabiex tiddirieġi l-konvenju għamlet ir-riċerki u informathom b'sehem Victor Sultana jew l-aventi kawza tiegħu. Xi ħaġa li ma ġietx sodisfaċjentement ikkontestata mill-provi mressqqa akkont tal-konvenut.

**Rigward in-neċessità li l-pussess ikun paċifiku:**

L-awtur iċċitat jgħallem li pussess ottjenut bi vjolenza, kemm morali kif ukoll fiżika, u magħmula minn kull minn kontra kull min, ma jippermettix il-perkors tal-preskrizzjoni.

Fil-każ in eżami, ma jirriżultax li l-pussess ittieħed mill-awtur tal-atturi b'xi mod vjolenti jew mhux paċifiku. Jidher li l-istess ittieħed meta huwa akkwista n-nofs indiviż fl-1969 jew anke qabel meta akkwista l-pussess tan-nofs indiviż b'rahan fl-1957.

Jidher iżda li stante li n-nofs li akkwista b'dawn il-modi kien indiviż, minflok fittex id-diviżjoni impussessa ruħu mill-intier tal-art.

Il-preskrizzjoni trentennali allura ma tistax tiġi eskluża abbażi ta' vjolenza morali jew fiżika.

**Rigward il-pubbliċità tal-pussess:**

L-importanza ta' dan l-element temani min-natura proprja tal-istitut tal-preskrizzjoni trentennali u hija kruċjali fis-sens li sabiex pussess iwassal għall-proprjetà—mill-fatt għad-dritt—irid ikun pubbliku u mhux mistur sabiex bih isir jaf—jew jista' jsir jaf—dak li huwa tassew is-sid tal-ħaġa u b'hekk dan jassumi l-fakoltà li jeżerċita d-drittijiet tiegħu fuq l-istess ħaġa.

L-awtur iċċitat jgħallem li l-elementi l-oħrajn kollha *tutte tendono a denunciare al vero proprietario l'usurpazione che è stata commessa di lui, e a metterlo in grado di respingerla*.

Fil-każ *de quo*, dan l-element jirriżulta sodisfaċjentement sodisfatt tenut kont il-mod li bih kien jutilizza l-art l-awtur tal-atturi u komplew jutilizzaw l-art l-atturi. Dan kif deskritt mill-atturi stess u kkonfermat mix-xhieda kollha li tressqu minnhom u li lkoll ikkonferma li lill-atturi u familjari tagħhom biss jafu hemm.

Dan l-element jirriżulta sodisfatt minn diversi fatturi inkluż dawk diġà enunċjati fis-sezzjoni ta' din id-deċiżjoni relattiva għall-element tal-kontinwità u n-nuqqas ta' interruzzjoni tal-pussess.

Jirriżulta ulterjorment sodisfatt mill-fatt li għalkemm jidher li huwa minnu li l-awtur tal-atturi żviluppa biss sezzjoni mill-art, huwa kien iżomm l-intier tal-art magħluqa permezz ta' diversi xatbiet, b'xatba minnhom bejn daru u din l-art, oħra miftuħa bejn din l-art u Triq Ġnien Imriek, u oħra li tgħaqqad din l-art ma' dar bintu li spjegat li kienet tgħaddi mill-istess sabiex tasal għand il-ġenituri tagħha minn din l-għalqa minflok tgħaddi mit-triq.

Oltre minn hekk, l-istess awtur tal-atturi kien ukoll jutilizza l-intier ta' din l-art, inkluż il-porzjon mhux żviluppat, billi l-porzjon mhux mibnija kien jaħratha u jiżragħha u fiha kien iżomm ukoll diversi annimali sabiex jirgħu kif ukoll diversi oġġetti u inġenji.

Dawn huma kollha azzjonijiet li ċertament jidhru.

Oltre minn hekk, l-element pubbliku tal-pussess issussita fl-atturi li baqgħu jaħdmu l-istess art wara li l-awtur tagħhom ma setax jaħdem aktar u saħanistra, l-attur Jesmond Bigeni kien jutilizza remissa fuq l-art kif ukoll l-art sabiex minn hemm kien jaħdem ta' mekkanik b'dan illi kien anke jżomm diversi vetturi fuq l-art.

Il-pubbliċità tal-pussess tirriżulta wkoll mill-fatt li l-atturi:

i. iddikjaraw l-intier ta' din l-art fid-dikjarazzjonijiet *causa mortis* tal-ġenituri tagħhom—dik tat-22 ta' Diċembru, 1997,

in atti iżda mhux paġinata, fil-każ tal-awtur tal-atturi Grazio Bigeni u a fol. 41 *et seq* tal-proċess fil-każ ta' omm uħud mill-atturi u n-nannu ta' oħrajn minnhom Marianna Bigeni—u;

ii. dehru fuq l-att ta' diviżjoni tal-11 ta' Settembru, 2006 in atti Nutar Maria Vella Magro a fol. 44 *et seq* tal-proċess.

**Rigward l-inekwivoċità tal-pussess:**

Kif jgħallem l-awtur ċitat, dan l-element mhuwiex neċessarjament wieħed addizzjonali daqs kemm huwa wieħed li jorbot l-elementi l-oħrajn. Infatti, li jrid dan l-element huwa li l-elementi l-oħrajn jirriżultaw b'mod ċar u ċert: inekwivoku.

Il-Qorti hija sodisfatta li l-pussess tal-atturi u tal-awtur tagħhom kien inekwivoku u dan stante l-użu magħmul minnhom ilkoll mill-art in mertu tul is-snin liema użu, kif diġà spjegat *supra*, irriżulta li kien kontinwu, mhux interrot, paċifiku, u pubbliku.

**Rigward il-pussess animus domini:**

Din il-Qorti hija konvinta li f'dan il-każ dan huwa l-element li ma ġiex sodisfatt.

L-awtur iċċitat u l-ġurisprudenza nostrana wkoll iċċitata jgħallmu li sabiex jissussisti dan l-element, il-pussessur irid jippossjedi b'titolu ta' propretarju.

Baudry–Lacantinerie jgħallimna li *se alcuni fatti molto significativi non vengono a dimostrare che vi è stata la volontà di possedere per proprio conto esclusivo, dovrà essere considerato come se abbia posseduto per conto di tutti gli interessati e non potrà per conseguenza opporre alcuna prescrizione agli altri condomini.*

L-istess il-ġurisprudenza nostrana suċċitata li trid illi *mhux biżżejjed id-detenzjoni tal-ħaġa jew it-tgawdija tagħha mhux bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor, għaliex allura din tkun biss detenzjoni jew tgawdija prekarja*.

Fil-każ in eżami, l-atturi kollha li xehdu quddiem din il-Qorti lkoll ikkonfermaw li mindu kienu tfal, huma dejjem jafu l-art kollha mertu ta' din l-istanza—u allura kemm in-nofs indiviż akkwistat mill-awtur tagħhom kif ukoll in-nofs l-ieħor li jitnissel minn Victor Sultana—fil-pussess tal-awtur tagħhom Grazio Bigeni.

Jixhdu wkoll li dan il-pussess kien b'mod sħiħ tant li għalkemm seta' kien hemm bini fuq porzjon minn din l-art u mhux fuq porzjon ieħor, il-porzjon mhux mibni xorta kien jinħadem u jinżera' u kien jintuża wkoll sabiex jirgħu l-annimali u jżommu fuqu inġenji varji.

Madanakollu, jirriżulta ċar mill-atti li l-awtur tal-atturi ma setax ma kienx konxju li huwa ma kienx is-sid tal-art kollha in mertu iżda biss ta' sehem ta' nofs indiviż minnha.

Dan stante li fil-kuntratt ta' kompravendità li huwa ffirma nhar id-9 ta' Settembru, 1969 u li bih akkwista n-nofs indiviż ta' din l-art, hemm stipulat ċar li l-istess art kellha spiera in komun man-nofs indiviż l-ieħor li jappartjeni lill-werrieta ta' Victor Sultana.[73]

Huwa inutli li l-atturi jinsistu għal darba darbtejn li huma lil dana Victor Sultana ma jafuhx u anqas xejn ma jimmilita favurihom li ottjenew affidavits ta' familjari tiegħu f'Għawdex

[73] Vide l-ewwel paragrafu fil-paġna relattiva tal-kuntratt a fol. 29.

fejn dawn qalu li Victor Sultana abbanduna l-proprjetà li kellu Għawdex, u dan partikolarment meta l-istess ottjenewhom b'mod li din il-Qorti tikkundanna.

Finalment, li jimporta huwa li kien hemm koxxenza da parti tal-awtur tal-atturi li l-art ma kienx akkwistaha fl-intier tagħha u li, per konsegwenza, iż-żamma minnu tal-intier tal-art flok in-nofs akkwistat minnu kienet *per conto di tutti gli interessati*. Dan b'tali mod li ma kienx qiegħed tassew iżomm jew igawdi l-ħaġa *bħala ħaġa proprja, imma bħala ħaġa ta' ħaddieħor* u allura: ma kienx qiegħed iżomm l-istess bl-animus domini rekwiżit iżda bi *tgawdija prekarja*.[74]

Huwa veru li huwa wkoll insenjat li *min jallega l-uzukapjone trigenarja bħala bażi tad-dominju minnu vantat ma jistax jiġi oppost in-nuqqas ta' titolu jew tal-bona fede. U l-bona fede ma hijiex eskluża bil-fatt li l-preskrivent ikollu l-intenzjoni li jsir il-proprjetarju tal-ħaġa*.[75]

Dan huwa anke ripetut fl-Artikolu 2143 tal-Kodiċi Ċivili (suċitat).

Madanakollu, din il-Qorti hija tal-fehma li tali pussess, li huwa dejjem meħtieġ għall-fini tal-preskrizzjoni akkwiżittiva, in kwantu min m'għandux pussess ma jista' qatt jakkwista bil-preskrizzjoni jgħaddi kemm jgħaddi żmien, huwa wkoll regolat minn dak stipulat fl-Artikolu 2118 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi:

> **2118.** *Dawk li jżommu l-ħaġa f'isem ħaddieħor jew il-werrieta tagħhom, ma jistgħux jippreskrivu favur tagħhom infishom:*

[74] Ref. deċiżjoni mogħtija mil-Qorti tal-Appell nhar il-31 ta' Mejju, 1996 fl-ismijiet ***Victor Chetcuti et vs Michael Xerri***.

[75] Ref. deċiżjoni mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-24 ta' April, 2013 fl-ismijiet ***Alfred Borg et vs Nazzareno Vella***.

> *bħalma huma l-kerrejja, id-depożitarji, l-użufruttwarji, u, ġeneralment, dawk li ma jżommux il-ħaġa bħala tagħhom infishom.*

F'dan il-kuntest, ta' min isemmi wkoll l-Artikolu 524(1) tal-Kodici Ċivili li jgħid:

> **524.***(1) Il-pussess huwa d-detenzjoni ta' ħaġa korporali jew it-tgawdija ta' jedd, li tagħhom tista' tinkiseb il-proprjetà, u li wieħed iżomm jew jeżerċitah bħala tiegħu nnifsu.*

Il-pern kollu mhux x'kienu jafu l-atturi wlied u n-neputijiet tal-mejjet Grazio Bigeni iżda x'kien jaf huwa sa ma miet fl-1997.

Grazio Bigeni ċertament kien jaf li hemm mhux kollu tiegħu għaliex il-kuntratt ta' kompravendità tad-9 ta' Settembru, 1969 iffirmah hu.

Il-kwistjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hi, li filwaqt li huwa minnu li jekk wieħed jippossjedi bl-*animus domini* rikjest, għat-tul tal-perjodu preskrittiv rikjest, u a sodisfazzjon tal-elementi kollha rekwiżiti tal-pussess leġittimu, dana jista' jippreskrivi favurih anke jekk ikun jaf li hemm mhux tiegħu, l-istess ma jistax jingħad għal min iħaddan f'ismu u f'isem ħaddieħor konġuntivament meta allura ma jkunx qiegħed iħaddan bħala proprjetarju bl-*animus domini* neċessarju.

Kif jgħallem l-awtur ġa ċitat, il-pussess ta' kompropretarju huwa kwazi dejjem prekarju, u titolu prekarju ma jiskattax it-terminu preskrittiv.

Din il-Qorti ssib komfort f'dan il-ħsieb tagħha ma' dak dikjarat minnha kif diversament presjeduta fid-deċiżjoni mogħtija nhar

il-5 ta' Ottubru, 2004 fl-isimijiet ***Saviour u Francis ahwa Cini et vs Vincent Saliba*** fejn, fid-deliberazzjonijiet fuq fatturi li jimmilitaw kontra l-*animus domini* ġie ritenut:

> *[…] jirriżulta illi, minkejja tali pretensjoni, l-attriċi Carmela Cini kienet inkarigat lill-A.I.Ċ. Guido Vella sabiex f'isimha japplika sabiex tixtri din l-istess strixxa art mingħand il-Kummissarju ta' l-Artijiet, ħaġa li żgur ma kienitx* [sic] *ser tagħmel kieku kienet ċerta illi l-art kienet proprjetà ta' żewġha. Sewwa qal il-perit legali fir-relazzjoni tiegħu illi huwa għal kollox inutili għal uliedha li llum jipprotestaw illi huma qatt ma nkarigaw lil ħadd sabiex japplika f'isimhom ħalli jixtru din l-art mingħand il-Gvern. Ċertament dak li għamlet ommhom meta dawn kienu għadhom minuri, għamlitu f'isimhom u fl-interess tagħhom, u ma jistgħux issa dawn jaħarbu minn dan il-fatt għax huma ma kienux* [sic] *direttament involuti.*

**Rigward iż-żmien mitlub mil-Liġi:**

Għalkemm jirriżulta ppruvat illi ħadd għajr il-familja tal-atturi m'għamlu użu minn din l-art, u li din l-art ilha f'idejn l-awtur tal-attur Grazio Bigeni sa minn tal-inqas l-1969 meta akkwista n-nofs indiviż tagħha mill-poter ta' Francesco Mercieca, jekk mhux sa mill-1957 meta ġiet f'idu b'rahan wara self li għamel lil Giovanan Theuma; tenut kont ta' dak dikjarat hawn aktar 'il fuq fis-sezzjoni ta' din is-sentenza relattiva għall-element ta' *animo domino*, din il-Qorti ma ssibx li t-terminu preskrittiv seta' jiddekorri favur l-istess Grazio Bigeni.

Jista' jagħti l-każ li tali terminu beda jiddekorri favur l-aventi kawża tiegħu stante li dawn—b'oħrajn magħhom—akkwistaw l-intier kollha tal-art in mertu b'wirt tal-ġenituri u nanniet

tagħhom, skont il-każ, u kull min xehed minnhom ilkoll ikkonfermaw li din l-art jafuha dejjem f'idejn l-awtur tagħhom fl-intier tagħha.

Fir-rigward tal-atturi, jissussistu allura l-elementi kollha tal-pussess leġittimu rikjesti sabiex tirnexxi azzjoni ai termini tal-preskrizzjoni akkwisittiva. Ma jissussistix iżda l-element taż-żmien mitlub mil-Liġi.

Din il-Qorti tasal għal din il-konklużjoni tenut kont tad-diċitura tal-Artikolu 2142 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi:

> **2142.** *(1) Il-mala fidi tal-pussessur ta' qabel mhix ta['] ħsara għas-suċċessur tiegħu, sew jekk dan ikun b'titolu universali kemm jekk ikun b'titolu partikolari.*
>
> *(2) Iżda, f'dan il-każ, is-suċċessur ma jistax għall-finijiet tal-preskrizzjoni igħaqqad* [sic] *il-pussess tiegħu ma' dak tal-pussessur ta' qablu.*

F'dan id-dawl, it-terminu tal-pussess tal-atturi jista' biss jingħad li beda jiddekorri, fl-aħjar ipotesi għalihom, minn dakinhar li wirtu *de facto* lill-awtur tagħhom.

Anke jekk tittieħed id-data dikjarata tal-mewt tiegħu, li hija dik tat-22 ta' Awwissu, 1997,[76] minn dakinhar sal-lum—aħseb u ara sa meta ġiet intavolata l-azzjoni—għaddew inqas minn ħamsa u għoxrin (25) sena.

Għaldaqstant, ma jirriżultax it-trapass tat-terminu preskrittiv rikjest u dunque t-talbiet tal-atturi ma jistgħux jiġu milqugħa.

---

[76] Ref. it-tieni paġna tad-dikjarazzjoni *causa mortis* tal-eredità ta' Grazio Bigeni, in atti, mhux paġinata.

**Decide:**

Għaldaqstant, in vista tal-premess u għar-raġunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet atturi.

Bl-ispejjeż ta' din il-kawża a karigu tal-atturi.

(ft) Dr Brigitte Sultana
Maġistrat

(ft) John Vella
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur